**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 17 ta` Gunju 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**Vs**

**Rachelle Bach Sakka**
(Rachelle Bach Sakka Fiorini)

**Kump. Nr. 1116/2012**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputata **Rachelle Bach Sakka**, detentrici tal-karta tal-Identita' bin-numru 512976M, giet akkuzata talli :

1. Fil-perjodu tal-1 ta' Awwissu 2012 u l-gimghat ta' qabel din id-data, f'dawn il-gzejjer bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghek, tlabt, ircevejt jew accettajt ghalik jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom ma kellekx jedd, liema reat intkellek tissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghek kellek id-dmir li timpedixxi; (Art. 115 Kap 9);

2. a) U aktar talli fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valu rMizjud, fil-31 ta' Lulju 2012, f'dawn il-Gzejjer, bil-komplicita' u l-ko-operazzjoni ta' xi persuna jew persuni ohra, bil-hsieb li tinheles xi projbizzjoni u/jew limitazzjoni tad-Dwana u/jew taht xi Ligi ohra, xjentement warrabt jew irtirajt kontra l-Ligi pakkett medicinali, mill-*Malta Post Office*, Marsa, fejn kien gie depozitat taht kustodja, liema pakkett kien jikkonsisti **f'500 Vials Hygetropin**;

b) Kif ukoll talli fl-istess data, post u cirkostanzi, xjentement gejt fil-pussess ta' dawn l-oggetti;

c) U aktar talli fl-istess data, post u cirkostanzi, xjentement kellek b'xi mod x'taqsam fil-garr, depozitu jew habi ta' dawn l-oggetti jew filli b'xi mod iddisponejt minnhom;

d) Kif ukoll talli fl-istess data, post u cirkostanzi, hajjart, ghint jew assistejt l-ghemil tar-reati hawn fuq imsemmija.

Dawn il-medicinali, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huwa projbit u/jew ristrett u/jew limitat ghandhom valur totali ta' €7,500.

Dan kollu bi ksur tal-artikoli 62(e)(f)(g)(h)(i)(k), tal-Ordinanza tad-Dwana Kapitolu 37, tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u id-dokumenti;

Rat ir-*rinvio a giudizzio* tal- Avukat Generali tal-11 ta' Novembru 2014 a folio 106 u l-kunsens tal-imputata moghti fl-udejnza tat-28 ta' Marzu 2017 a folio 120;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Qieset is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiza;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-provi principali f'din il-kaz kienu, fil-qosor, is-segwenti.

1. Giet ipprezentata l-*letter to prosecute* tad- Direttur Generali Dwana li giet immarkata bhala dok JC. Giet ipprezentata wkoll nota datata 7 ta' Jannar 2014 u mmarkata bhala dok SP fejn gie stabbilit illi l-imputata hadmet fil-*Parcel Post Section* tal-*Customs Department* bejn il-11 ta' April 2011 sat-30 ta' Awwissu 2012. Fil-31 ta' Awwissu 2012 hija kienet il-*Cash Office* u fl-14 ta' Mejju 2013 hija tpoggiet fl-*Accounts Section*. Dawn iz-zewg dokumenti gew esebiti mix-xhieda John Camilleri u Simone Pace rispettivament;

2. Ix-xhud l-Ispettur Micheal Mallia, fid-depozizzjoni tieghu tas-7 ta' Jannar 2014 jixhed illi :

*"Fit-tlieta (3) ta' Awwissu elfejn u tnax (2012) Sur Magistrat il-pulizija kienet irciviet rapport mid-Dipartiment tad-Dwana fejn konna gejna nfurmati illi pakket deskritt bhala parcel li kellu valur ta' sebat elef u hames mitt Euro (€7,500) kien instab nieqes minn gewwa l-ufficcju tal-Malta Post fil-Marsa, propju l-Head Office tal-Posta. Sussegwentement wara dan ir-rapport jiena kont ghamilt stharrig ma xi Ufficjali tad-Dwana u tal-Posta fejn kien gie stabbilit li dan il-pakkett kien gie impurtat minn certa Stephnie Borda li kienet residenti fl-indirizz Tal-Bidni Farmhouse, Sqaq il-Hofra, Trejqet Wied ta' Mazza, Zabbar. Kienu nfurmawni wkoll illi dan il-pakkett gie mizmum u cioe' ma giex irrilaxxat lill-importatur minnnahha tal-Posta u d-Dwana minhabba xi restrizzjonijiet li kienu mposti fuq il-kontenut ta' dan il-pakkett mill-Environmental Health Directorate. Kont ukoll gejt infurmat li dan l-istess pakkett kien intbght lill-importatur mic-Cina. Minn aktar stharrig kien irrizulta illi l-kontenut ta' dan il-pakkett kien naqas waqt li dan kien qieghed fil-Head Office tal-Posta tal-Marsa u l-kontenut kien jikkonsisti f'dak li gie deskritt bhala vials of growth hormones illi skont il-Posta u kif ukoll id-Dwana fuq parir li kellhom mill-<u>Environmental Health Directorate</u> dan l-importazzjoni tieghu kienet restritta fis-sens illi l-ammont ta' vials li kien fih dan il-kontenut ma setax jigi mpurtat. Rigward dan il-Malta Post ukoll kienu nfurmawni li kellhom xi footage fejn kien jindika l-movimenti u certu manuvri wkoll ta' xi mpjegti fuq il-post li wassal ghal ghejbien ta' l-istess pakkett fejn wara li kont rajt dan jiena personalment flimkien ma xi Ufficjali tal-Posta ien jidher illi l-imputat Rachalle Bach Sakka li hija l-persuna li qed naghraf hawnhekk fl-Awla Numru tal-Karta ta' l-Identita 512976M flimkien*

*ma operatur postali, impjegat li kien jahdem il-Posta stess dak iz-zmien certu Ewgenio Spiteri kien jidher li kienu huma t-tnejn li kienu responsabli ghall-ghejbien tal-kontenut ta' dan il-pakkett. Aktar investigazzjonijiet li kienu saru kien irrizulta li dawn l-oggetti kienu nhargu mill-Posta fil-wiehed u tletin (31) ta' Lulju, elfejn u tnax (2012)."*

3. Ix-xhud Martin Florian, ufficjal tad-dwana, fid-depozizzjoni tieghu tas-7 ta' Jannar 2014, jispjega illi kienet saret importazzjoni ta' kaxxa minn certu Stephanie Borda, li giet iddikjarata bhala cosmetics izda in effetti instab li kienet tikkontjeni vials (*growth hormones* ghall-muskoli tal-*body builders*). Peress li dawn kienu *in commercial quantities*, dawn ma gewx awtorizzati li jigu rilaxxati lokalment u s-sid, Stephanie Borda, kienet hallset piena amministrattiva minhabba li kienet ghamlet *false declaration* u accettat li l-*parcel* jintbaghat lura lejn ic-Cina, u b'hekk tkun tista tiehu l-flus lura. Id-Dwana taw permess biex din il-kaxxa tigi re-exported izda wara li saru xi verifiki irrizulta li xi hadd kien baghbas ma din il-kaxxa billi hareg il-kontenut u spostjah.

Saru verifiki mas-CCTV footages u nstab li x-xhud gharaf lill-imputata, fost ohrajn, u kien ra li din il-kaxxa li allegatament kien fiha dawn l-oggetti partikolari, iccaqalqet minn post ghal iehor u mbaghad kien hemm kaxxa ohra tal-photocopies u li hu ra dik il-kaxxa tal-photocopies, diehla go karozza. Ix-xhud jghid partikolarment illi kien ra propju lill-imputata tpoggi din il-kaxxa tal-photocopies go karozza.

4. Ix-Xhud Vincent Farrugia, *head of security* ma' l-Maltapost, fid-depozizzjoni tieghu nhar id-19 ta' Frar 2014, jixhed illi wara li gie nfurmat mis-superjuri tieghu bid-dettalji ta' x'seta gara minn dan il-pakkett, hu ezamina is-CCTV *footages* u seta jikkonstata li Eugenio Spiteri, *postal operator*, minflok pogga dan il-pakkett fis-sezzjoni 'Return to Sender', poggieh fil-post fejn jinzammu l-pakketti li jkunu ser jinghataw lill-klijenti. Jikkonferma illi ra lil Eugenio Spiteri hiereg bil-pakkett ghan-naha tad-Dwana u wara xi zewg minuti rega irritorna bih u rega' poggieh fl-istess post. F'gurnata ohra jidher l-istess Eugenio Spiteri ipoggi dan il-pakkett fuq il-*counter* fejn ikun hemm il-kaxxier tad-Dwana.

F'gurnata sussegwenti jerga jidher Eugenio Spiteri jaghti dan il-pakkett lil Rachelle (l-imputata) u din poggietu f'kantuniera wara l-kaxxier u mbaghad terga tidher l-imputata hdejn l-istess pakkett propju b'kaxxa tal-A4 paper. Wara li kompla jezamina

l-*footages* tas-CCTV, eventwalment tidher l-imputata, tidhol bil-vettura taghha u tefghet il-kaxxa fil-karozza taghha.

Ix-xhud esebixxa tlett DVD’s li huma l-prova dokumentarja ta’ dak li xehed. (immarkati bhala dok VF, VF1 u VF2).

5. Ix-xhud Carmel Sammut, *Principal officer in charge* gewwa l-*Parcel Post Office*, fid-depozizzjoni tieghu tad-19 ta’ Frar 2014, jixhed illi hu kien informa lil Stephanie Borda biex tmur ghandhom, tiffirma xi karti biex il-pakkett jintbaghat lura u thallas xi *administration fine*. Wara li l-procedura thalliet f’idejn impjegati ohra, hu mar jiccekkja jekk il-pakkett giex ritornat lura u nduna li kien ghadu ma ntbatx lura. Wara li ghamel il-verifiki, sab il-pakkett u nduna li l-kontenut kien nieqes. Hu rraporta dan minnufih lis-superjuri tieghu.

6. Ix-xhud Tony Sammut, Spettur tas-Sanita’ gewwa l-Port Health Services, fid-depozizzjoni tieghu tas-26 ta’ Marzu 2014 jixhed illi giet f’idejhom konsenja (pakkett) li fih kien hemm 500 ampules - *human growth hormones* - u peress illi l-kwantita` kienet wahda mhux ghall-uzu personali, il-pakkett ma giex awtorizzat sabiex jigi rilaxxat. Huma, bhala dipartiment, awtorizzaw lil Stephanie Borda biex tibghat il-pakkett bil-materjal lura minn fejn gie.

7. Ix-xhud Joseph Gafa’, CEO tal-Malta Post, fid-depozizzjoni tieghu tat-23 ta’ Lulju 2014 jixhed illi hu kien qed jigi nfurmat b’dak li gara u ra wkoll il-*footages*. Senjatament ix-xhud jghid :

*“…… flimkien mal-pulizija rajna l-cameras tas-Sigurta taghna u minn hemhekk rajna diversi manuvri li saru mis-Sinjura Rachelle, qeghda hawnhekk*

*Qorti:Hawnhekk ix-xhud qed jindika l-imputata.*

*Xhud:U persuna ohra minn naha tal-kumpanija Eugenio Spiteri, fejn dal-pakkett minn fejn kellu jkun biex jirritorna lura c-China, dan kien mexa, nghid mexa, fl-istess binja imma hemm xi hamsin metru differenza, rega dahal fl-area fejn ikun hemm il-pakketti qed jistennew il-klijent, dan rajtu jiena wkoll mill-videos stess u mbaghad kien hemm ic-caqliq bejniethom biex poggewh ezatt il-kaxxa poggewha wara biex ma jidhirx bic-cctv, minn wara din il-*

*kolonna hargu zewg kaxxi ohrajn imbaghad dan il-pakkett rega mar lura fejn sippost ha jerga jitlaq ghac-China, dan fil-fatt imbaghad id-dwana ghamlu inspection u irrizulta vojt. Ma nafx id-data ezatt imma hawn ir-rapport tas-security officer fid-dettal li dan gie presented, imbaghad rajt it-transazzjoni fejn ir-ragel taghna minn wara l-counter jaghti din il-kaxxa gdida bil kontenut lis-sinjura, li harget minn barra*

*Qorti:is-sinjura hija l-imputata?*

*Xhud:L-imputata, li harget barra gabet il-karozza taghah ipparkjat quddiem l-ufficju fejn johorgu l-parcels, dahlet fl-ufficju fejn jinqed l-klijent u over the counter ir-ragel taghna taha din il-kaxxa bil-kontenut li kien hemm. Imbaghad ahna kkoperajna mal-pulizija ghaddejna l-evidenza kollha lil pulizija"*

Dan hu bazikament dak li rrizulta f'dan il-kaz.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-Qorti qieset sew u fid-dettal, mhux biss ir-rizultanzi processwali, izda wkoll in-nota ta` sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u t-trattazzjoni tad-difensur tal-imputata li giet traskritta. Il-Qorti hasbet fit-tul u sejra tiddisponi minn dan il-kaz bil-mod segwenti;

A. Illi l-Qorti qed tiskarta u tqis bhala li ma ghandha ebda valur probatorju, l-istqarrija tal-imputata, esebita bhala dok MM u li tinsab a folio 24, u dana qed taghmlu in linea ma l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali u tal-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Din il-Qorti tqis li din il-pozizzjoni, estrema bhala fatt, hija l-pozizzjoni li tirrispetta f'sens assolut, id-dritt tas-smiegh xieraq.

B. Illi bhala konsegwenza tal-pozizzjoni mehuda skond kif elaborat fil-paragrafu precedenti (A), din il-Qorti qeda wkoll u logikament, tiskarta u tqis bhala li ma ghandha ebda valur probatorju, kull evidenza li taghmel referenza ghall-istqarrija ta' l-imputata. B' mod tangibbli, b'din il-pozizzjoni, qed tigi milquta dik il-parti tad-depozizzjoni tal-Ispettur Michael Mallia fejn jirreferi ghal dak li qaltlu l-imputata fl-istqarrija.

C. Illi bhala konsegwenza ta' dan kollu, din il-Qorti tiddikjara illi l-prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha ghal dak li jirrigwarda l-ewwel imputazzjoni, dik prospettata skond l-Artikolu 115 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

D. Illi, mill-banda l-ohra, minn ezami akkurat tar-rizultanzi processwali - dejjem eskludendo l-istqarrija u l-atti l-ohra relevanti (skond kif spjegat fil-paragrafi precedenti (A) u (B)) - din il-Qorti tiddikjara u tikkonkludi illi effettivament il-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-kaz taghha ghal dak li jirrigwarda l-bqija tal-imputazzjonijiet (2)(a), (b), (c) u (d) kif migjuba kontra l-imputata. Ir- rabta fattwali bejn il-pakkett koncernat, il-manuvrar klandestin ta' l-imputata u ta' Eugenio Spiteri (kollega taghha fuq ix-xoghol), il-garr minn naha ghal ohra tal-pakkett koncernat minn naha ta` l-imputata u ta' Eugenio Spiteri, u d-depozitu ta' l-istess kontenut tal-pakkett koncernat ghal gol-karozza ta' l-imputata mill-imputata stess, ilkol saru b' mod konklussiv; u definittivament dan kollu sar xjentement mill-imputata bil-ko-operazzjoni tat-terz involut.

E. Illi peress li l-prosekuzzjoni, fl-att tal-imputazzjonijiet originali (cioe` il-komparixxi) a folio 1, u sussegwentement anki l-Avukat Generali fir-*rinvio a giudizzio* tieghu (a folio 106), rabtu il-kwistjoni tal-kwalifika - li l-imputata, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku (Artikoli 92 u 141 Kap 9 – kwalifika li del resto giet ippruvata f'dawn l-atti) – biss u esklussivamnet mar-reat ipotizzat fl-Artikolu 115(1) tal-Kapitolu 9, din il-Qorti trid bilfors tiskarta tali kwalifika fid-dikjarazzjoni ta' htija dwar l-imputazzjonijiet (2)(a)(b)(c)(d) u konsegwentament anki fl-eventwali sanzjoni applikabbli. Il-Qorti hi marbuta ma l-Artikoli kif indikati mill-Avukat Generali fir-*rinvio a giudizio* tieghu.

**Decide.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI L-QORTI, WARA LI RAT L-ARTIKOLI 17, 31, 92, 115 U 141 TAL-KAPITOLU 9 TAL-LIGIJIET TA' MALTA U L-ARTIKOLU 62(E)(F)(G)(H)(I)(K) TAL-KAPITOLU 37 TAL-LIGIJIET TA' MALTA, ISSIB U TIDDIKJARA LILL-IMPUTATA MHUX HATJA TAL-EWWEL (1) IMPUTAZZJONI U MINNHA TILLIBERAHA SKOND IL-LIGI.**

**IZDA SSIBHA U TIDDIKKJARAHA HATJA TAL-BQIJA TAL-IMPUTAZZJONIJIET MIGJUBA U TIKKUNDANNAHA KOMPLESSIVAMENT GHALL-PIENA TAL-MULTA FIS-SOMMA TA' €582.34, LI**

**TERZ MINNHA OSSIA €194.11 HUMA PAGABBLI MINNUFIH BHALA DEJN CIVILI LID-DIRETTUR GENERALI (DWANA); IL-BILANC GHANDU JITHALLAS SKOND IL-LIGI.**

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur